MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 217/2009

**W Y**
**vs**
**B N Y**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fis-6 ta’ Settembru 1987; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a][c] u [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; u ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null dan iz-zwieg; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenuta ghazlet li tibqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fis-6 ta’ Settembru 1987 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citiati.

**Il-Fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li, wara l-mewt ta’ l-ewwel mara tieghu fit-22 ta’ Jannar 1987, l-attur, li kien jahdem barra minn Malta, sab ruhhu fi problema peress li kellu tlett-it tfal zghar miz-zwieg tieghu.

Illi tramite ommu u omm-il konvenuta, l-attur iltaqa’ mal-konvenuta, li, ghalkemm kienet diga’ omm mother, hija kienet poggiet lit-tifel taghha f’ istitut.

Wara ftit xhur, il-partijiet izzewwgu fis-6 ta’ Settembru 1987, meta allura hu kellu 29 sena u l-konvenuta kellha 23 sena. Huwa jispjega “Jien izzewwigt …. biex ingib lil uliedi d-dar [peress li f’ dak iz-zmien t-tewmin iz-zghar kienu qed jghixu maz-zijiet], inkun nista’ mmur il-Libja, dak kien ix-xoghol tieghi minn fejn naqla’ l-hobz, u li ridt ikolli l-uliedi d-dar.  Gibt it-tifel taghha [mill-istitut] u addottajtu jien biex ikun daqs uliedi wkoll.  Jiena li ridt nkun nghix f’ familja;  mietet il-mara u sibt din biex tiehu hsieb id-dar  u kollox.”[1]

L-attur ikompli jghid li hekk kif izzewwgu beda jinqala’ l-inkwiet minn naha tal-konvenuta li ma kienitx riedet lit-tewmin jigu jghixu maghhom, filwaqt li lit-tifel taghha baghtitu l-istitut, u zammet biss maghha t-tifel il-kbir ta’ l-attur, li kellu dizabilita’. Meta t-tfal iz-zghar kienu jigu d-dar jaraw lil missierhom hija kienet tghajjat maghhom u ssawwathom.

[1] Fol.32

Il-konvenuta kienet timmanifesta komportament aggressiv u perikoluz; kienet tghir hafna ghall-attur, u gieghli tefghatlu affarijiet u anke hedditu b' sikkina.

L-attur jispjega li wara tlett xhur miz-zwieg huwa ma felahx izjed u kien telaq mid-dar konjugali flimkien ma' ibnu u mar jghix ghand ommu, bl-intenzjoni li jissepara min ma' martu. Din minn naha taghha, telqghet mid-dar konjugali, u lit-tifel taghha regghet bghatitu fl-istitut.

Sussegwentement kien hemm incident meta l-konvenuta ghamlet tentattiv ta' suwicidju billi qabzet, izda, ghalkemm sofriet diversi feriti nterni, hija ma mietitx, izda damet zmien l-isptar. L-attur, fuq inkoraggiment ta' familjari tieghu biex jipprova jirranga l-affarijiet ma' martu, mar jaraha l-isptar, u eventwalment hafrilha ghax kien thassarha.

Wara ftit, twieled it-tifel Orlando fil-25 ta' Awissu 1990, izda wara xi xaharejn hija kienet regghet harget tqila. Din it-tqala kienet fonti ta' inkwiet kbir bejn il-partijiet, ghax il-konvenuta ma rieditix it-tarbija li kellha fil-guf peress li kienet vicina wisq l-ahhar wild, u kienet thedded lill-attur li, jekk ma jghinix biex taghmel abort, hija kienet ser terga' tmur taqbez, din it-tarba bit-tifel maghha.

Illi l-attur kontra qalbu kien accetta, u mar maghha l-Ingilterra sabiex taghmel abort, bl-ghajnuna ta' missierha. Hemmhekk huwa sar jaf li l-konvenuta qabel iz-zwieg kienet ghamlet erba' [4] aborti ohra, wiehed minnhom l-Italja. Dan kien ta' xokk kbir ghall-attur li stqarr li kieku kien jaf b' dawn l-affarijiet qabel iz-zwieg, huwa ma kienx jizzewweg lill-konvenuta.

Illi sussegwentement il-partijiet qabblu li l-konvenuta kellha tibda tiehu l-pillola kontracettiva, izda xorta wahda nqabdet tqila, u twieldet it-tifla Esmeralda fis-16 ta' Dicembru 1992.

Illi s-sitwazzjoni bejn il-partijiet aggravat, u l-konvenuta spiccat ghamlet tentattivi ohra ta' suwicidju bl-abbuz tal-pilloli, tant li kienet tispicca l-Isptar Monti Carmeli.

Illi barra minnhekk kien hemm il-problema tal-klemptomanija da parti tal-konvenuta. Din kienet “l-akbar problema tal-glied ta’ dak iz-zmien … kienet hi tmur tisraq mill-hwienet u mat-tfal tieghi. Taghtih playstation [lit-tifel] u tghidlu ‘ohrog ‘il barra’”[2]

Illi l-attur jghid li matul il-konvivenza matrimonjali huma qatt ma ghamlu sena shiha jghixu flimkien, ghax kien jitlaq ghand ommu ghal xhur shah u jerga’ jirritorna lura biex it-tfal ma jhallihomx fl-istitut.

Il-Professur Mark Brincat ikkonferma li mir-records ta’ l-isptar jirrizulta li l-konvenuta kellha korriment fis-sena 1983, zewg korrimenti fis-sena 1984 u fis-sena1985, kellha twelid fis-sena 1991 u korriment fis-sena 1991; izda ma kienx hemm sinjali esterni li juri li dawn il-korrimenti kienu volontarji.

Illi minn naha taghha l-konvenuta takkuza lill-attur li kien kattiv maghha, kien jerfa’ idejh fuqha, u li tul il-konvivenza kollha huwa kellu relazzjoni extra-matrimonjali ma’ certu Jane Borg.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fil-fehema tal-Qorti jirrizulta manifest li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenuta kienet affetta minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja konjugali, id-drittijiet u d-dmirijiet taghha. L-attitudini taghha versu t-tfal, u anke fil-konfront ta’ zewgha, matul iz-zwieg hija xhieda tal-fatt li hi kienet inkapaci li tassumi l-obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied.

Illi fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu l-attur kien inkonsapevoli ta’ dan in-nuqqas da parti tal-konvenuta, anke forsi ghax ma kienx ghamel bizzejjed zmien jiffrekwenta lill-konvenuta u jsir jafha sew qabel iz-zwieg; izda pero’ jezisti l-ingann da parti ta’ l-istess

[2] Fol.45

konvenuta li kienet hbiet minnu l-fatt li qabel iz-zwieg hija ghaddiet minn hames korrimenti, u li hi ma kienitx riedet tfal madwarha.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li f' dan il-kaz jikkonfiguraw il-capita nullitatis kontemplati fil-paragrafu [c] u [d] ta' l-artikolu precitat:

L-ewwel wiehed, peress li hi kienet qarrqet bih dwar kwalita' li fixklet serjament, anzi kienet fatali, ghall-hajja konjugali ; filwaqt li dwar it-tieni wiehed, peress li hi kienet inkapaci li tassumi obbligi essenzjali ghaz-zwieg.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-6 ta' Settembru 1987.

Spejjez a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------